**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nezren Grixti)**

**vs.**

**Reuben Micallef**

Numru 42/2009

Illum 20 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Reuben Micallef**, ta' tletin (30) sena, bin Anthony u Marthese neé Sammut, imwieled San Giljan fit-2 ta' Marzu 1974, residenti gewwa 168, St. Julian's Road, San Gwann, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 134274(M)

akkuzat talli nhar il-15 ta' Mejju 2004 u matul it-tnax (12)-il xahar ta' qabel din id-data, gewwa l-Gzira u bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risololuzzjoni wahda (Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

1. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) minghajr

awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985 kif emendati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 3) datat 9 ta' Gunju 2004 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 120A(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 5) datat 9 ta' Gunju 2004 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 1574/2005[1] redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna liema Process Verbal jirrigwarda allegat komplot ta' omicidju li bih giet informata l-Pulizija permezz ta' telefonata anonima li saret fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija kif ukoll dwar allegat traffikar ta' droga u dana skond rapport tal-Pulizija tal-15 ta' Mejju 2004.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 149) datat 12 ta' Settembru 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u Artikolu 120A(2C) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-

---

[1] *Envelope Loose.*

Ligijiet ta' Malta), baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 150), il-Qorti kif diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-Kontro-Ordni mibghut mill-Avukat Generali (*a fol.* 149).

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 163 *et seq.*).**

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 175), il-Prosekuzzjoni ezentat lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduti tat-28 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 181) u tal-11 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 182) id-difiza ezentat lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta pero talbet li jkollha l-possibilita' li taghmel domandi in kontro-ezami tax-xhud Anthony Zammit, liema talba giet milqugha mill-Qorti.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, il-kontro-ezami ta' Anthony Zammit (*a fol.* 186 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tat-22 ta' Novembru 2016 u tal-1 ta' Dicembru 2016, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 190 *et seq.* u *a fol.* 196 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2016 (*a fol.* 198), is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 201 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur is-**Supretendent gia Spettur Nezren Grixti** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn spjega li fit-13 ta' Mejju 2004 il-Pulizija kienet giet infurmata li bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 2004 kellu jsir omicidju doppju ta' Anthony Zammit u Charlotte Buhagiar. Jispjega li din l-informazzjoni kienet saret minn Anthony Zammit u wara rrizultat li ma kienitx vera. Jghid li Zammit qal li kellu xi nkwiet mal-imputat peress li l-kaz kien jittratta traffikar jew pussess ta' droga bejniethom. Jghid li Zammit qal li kellu jaghti xi flus lill-imputat li kienu jammontaw ghal, bejn wiehed u iehor, elf lira Maltin (Lm1000). Jixhed li l-verzjoni moghtija minn Zammit giet mehuda bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. J. Apap Bologna. Jispjega kif fil-15 ta' Mejju 2004 l-imputat gie mwaqqaf fi Triq Nazju Ellul, fil-Gzira u li gie misjub fuqu s-segwenti: *"gramma kokajina, allegatament kokajina kif ukoll tnax-il kantuniera tal-boroz ohrajn li kien fihom xi tracci allegatament kokajina wkoll"* (*a fol.* 59). Jghid li saru tfittxijiet kemm fil-vettura u kif ukoll fir-residenza tal-imputat fejn fir-residenza tal-imputat instabu erba' (4) pilloli *ecstasy*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed **PC 102 Anthony Portelli** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjega li fil-15 ta' Mejju 2004 ghall-habta tal-11.30am, hu flimkien ma' PC 706 Norman Cremona marru flimkien ma' Anthony Zammit fuq struzzjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur Grixti biex Zammit jindikalhom r-residenza ta' fejn kien joqghod l-imputat u fejn setgha jigi ntraccat. Jghid li l-imputat instab wara li hareg mill-hanut 'Better Living' li jinsab fi Triq Nazju Ellul, Gzira u fuqu mar hu (PC 102) u PC 706 fejn minn tfittxija li saret fuqu rrizilta li gewwa kaxxa tal-kartun tal-medicina Rhinocort kien hemm kantuniera ta' borza bi trab abjad b'madwar gramma suspettata kokajina u li kien hemm ukoll tnax (12) il-kantuniera ohra li fihom kien hemm xi tracci. Jghid li dawn gew elevati u mistoqsi jghid fejn kienet il-kaxxa li ghamel riferenza ghaliha fid-depozizzjoni tieghu, wiegeb li din kienet fuq l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 706 Norman Cremona** (*a fol.* 67 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 102 Anthony Portelli u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jinghad hawn dak li diga nghad minn PC 102 Portelli u li xehdu wkoll PC 706 Cremona. Jghid ukoll li ma rrizulta xejn minn tfittxija li saret fuq il-vettura tal-imputat u mill-kamra tal-imputat fir-residenza fejn joqghod. Jghid li ghamlu wkoll tfittxija fl-ufficcju tal-imputat f'San Gwann fejn *"jekk miniex sejjer zball, sibnielu erba' (4) ecstasy"* (*a fol.* 68).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed ukoll l-i**Spizjar Forensiku Mario Mifsud** (*a fol.* 70) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "MM" (*a fol.* 62 *et seq.* tal-Process Verbal). F'din ir-relazzjoni, l-iSpizjar Mario Mifsud wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *(a) "Li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-flixkun tal-Rhinocort Aqua" u t-trab abjad li kien hemm f'bott ta' lewn blue tal-"Creatine monohydrate" fid-dokument 04 ADV 03 u fit-trab abjad li kien hemm fi tliet bottijiet bojod tal-"Creatine monohydrate", it-trab isfar li kien hemm f'zewg bottijiet tal-"Pro-Ten Supplement Formola", il-hamsa u hamsin pillola li kien hemm fil-flixkun tal-hgieg, l-imgharfa tal-metall u fit-trab abjad li kien hemm fil-pakkett tal-karti fid-dokument 04 ADV 04 u fit-trab isfar li kien hemm f'bott ta' lewn vjola u l-kuccarina li kien hemm fid-dokument 04 ADV 06;*
>
> *(b) Li t-tliet pilloli sofor tal-Biodramine, Dimenhydinate, li jintuzaw bhala anti-emetic, u l-ghaxar pilloli bojod tal-Atarax, Hydroxyzine, li jintuzaw bhala minor tranquillisers, fid-dokument 04 ADV 03 u t-tliet pilloli celesti tal-Sildenafil, Viagra, li jintuza ghall-erectile dysfunction (impotence), l-ghoxrin kapsola lewn il-krema tal-Aspirin, li jintuza bhala analgesic u antipyretic, id-dsatax-il pillola bajda tan-Norgesic, li jintuzaw ghall-muscular pain, it-tlieta u ghoxrin pillola bajda tal-Lasilix, Furosemide, li huma potent diuretic, is-sitt injectables tas-Sustanon, testosterone, li huma androgenic steroids u il-hdax injectables tan-Nandrolone, li huma anabolic u androgenic steroids, fid-dokument 04 ADV 06 mhux ikkontrollati bil-Ligi;*

*(c) Illi l-hamsa u tmenin pillola zghira ta' lewn abjad fid-dokument 04 ADV 05 u l-pillola zghira bajda fid-dokument 04 ADV 06 li nstabu li kienu dawk tal-Pseudophedrine. Dawn il-pilloli, li jintuzaw bhala nasal u bronchial decongestants, mhux ikkontrollati bil-Ligi;*

*(d) Li fil-kapsoli vojta li kien hemm f'kaxxa ta' borza, fil-kapsoli mimlija u vojta li kien hemm f'zewg bottijiet tas-"Stim & Trim", fil-pilloli bojod fil-bott tal-'Caffeine altert', fit-trab ta' lewn griz skur li kien hemm f'seba' speci ta' qratas u fil-kapsoli vojta u mimlija li kien hemm fil-borza tal-karti fid-dokument 04 ADV 06 u fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 04 ADV 07 instabet fihom is-sustanza kafejina. Din is-sustanza, li hija stimulant, mhix ikkontrollata bil-Ligi;*

*(e) Li fit-trab ta' lewn kannella car li kien hemm f'hames speci ta' qratas fid-dokument 04 ADV 06 instabet fihom is-sustanza tal-Kafejina u l-Guaiphenesin. Il-Kafejina, li hija stimulant, u l-Guaiphenesin, li hija skeletal muscle relexant f'dozi kbar, mhux ikkontrollati bil-Ligi;*

*(f) Li fl-erba' pilloli bojod, li fuqhom kellhom l-ittri "RN", instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(g) Li nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq tnax-il bicca plastik trasparenti fid-dokument 04 ADV 02 u fuq zewg bicciet tissue-paper u karta rrumblata tal-"HSBC" fid-dokument 04 ADV 03;*

*(h) Illi fit-trab abjad li kien hemm fl-erba' boroz tal-plastik trasparenti u fil-qratas tal-karti fid-dokument 04 ADV 01, fit-trab abjad li kien hemm f'borza tal-plastik fid-dokument 04 ADV 02 u fit-trab abjad li kien hemm fi speci ta' qartas tal-karti fid-dokument 04 ADV 06, f'ammont nett totali ta' 3.893 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokajina. Il-medja tal-purita' tat-trab abjad ghas-sustanza Kokajina kienet ta' circa 51%. Din is-*

*sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, xehdu **PS 239 Joseph Caruana** u **PS 198 Arthur Debattista** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "DC" (*a fol.* 53 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 78) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 160 *et seq.* tal-Process Verbal). Jghid li din hija r-relazzjoni li huwa ghamel fuq *mobile phones* u *call profiles* kif kien inkarigah jaghmel il-Magistrat Inkwirenti Dr. J. Apap Bologna.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Anthony Zammit** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien rrilaxxa stqarrija li giet guramentata quddiem il-Magistrat Dr. J. Apap Bologna. Jghid li kien jahdem il-'Mamma Mia', kellu l-vizzju tad-droga u persuna bit-*taxi* kien laqqghu mal-imputat wara li qallu li ried jixtri d-droga. Mistoqsi min hu dan il-persuna jghid li ma jiftakarx pero jispjega li dan il-persuna kien jahdem mal-'Wembley'. Wara li ndika lill-imputat fl-awla, Zammit qal: *"minn hemm u minn hawn spiccjat flok nixtri d-droga ghax kont niehu d-droga, kont inmur nixtri d-droga ghalih, nippakkjawha, nippakkjahhielu, jaghtini biex inbiegh"* (*a fol.* 81). Jghid li l-ewwel darba li mar ghand l-imputat kien disa' snin qabel fejn xtara zewg grammi kokajina. Jghid: *"bqajt nixtri, jaghtini biex inbiegh jien, biex niehu jien"* (*a fol.* 82). Jghid li dejjem kokajina kien jiehu u jbiegh. Jixhed li gramma kokajina kien jixtriha tletin lira Maltin (Lm30) jew wiehed u tletin lira Maltin (Lm31). Lil Zammit inqratlu l-istqarrija (Dok. "CP 2" – *a fol.* 23 *et seq.* tal-Process Verbal) rilaxxata minnu fl-14 ta' Mejju 2004 u gie mitlub jekk jikkonfermahiex. F'din l-istqarrija huwa qal, fost l-ohrajn, li kien vittma tad-droga fejn kien jixtri din id-droga minn ghand l-imputat li ghandu ufficcju f'San Gwann. Jghid li ghamel zmien fejn kien jixtri d-droga u ma kienx ihallas lill-imputat u telghalu kont ta' elf lira Maltin (Lm1000) u li hu (Zammit) qatt ma rnexxielu jaghtihomlu dawn il-flus lill-imputat. Jghid li kien imur igib id-

droga ghall-imputat minn fejn kien jibghatu hu. Jghid li generalment kien igib id-droga minn fejn il-Knisja ta' San Gwann fejn kienet tigi persuna (li ma jafx x'jisimha) b'vettura griza u kienet tghaddielu d-droga u li mbaghad hu (Zammit) kien jghaddieha lill-imputat. Jghid li lil dan tal-vettura hu (Zammit) kien ihallsu bil-flus tal-avukat imputat u li l-imputat kien jaghtih l-flus lesti f'*envelope*. Jispjega kif darba minnhom l-imputat tah hames (5) grammi kokajina wara li kien talbu u, wara li hadhom, lill-imputat qallu li kien tahom lill-wahda li ma kienitx hallsitu. Jispjega li tlitt ijiem wara rega' talab erbatax (14)-il gramma lill-imputat u qallu li din il-mara kellha thallsu, l-imputat tahomlu u hu (Zammit) hadhom u baqa' ma ta xejn lill-imputat. Jghid li minn hawn beda l-inkwiet ghax l-imputat beda jheddu biex ihallsu. Jghid: *"Fil-fatt [l-imputat] ghadu qed jistenna l-flus lura ta' din id-droga li hu minn ghalih kelli nigbor minn ghand haddiehor"* (*a fol.* 86). Jghid li l-imputat dahhal f'mohhu li din il-mara kienet Charlotte, mara li Zammit kellu relazzjoni maghha. Jichad li hu (Zammit) wahhal f'Charlotte li kienet hadithomlu hi. Ghad-domanda: *"Allura, meta ddecidejt li ccempel id-Depot, ghalfejn iddecidejt li tivvinta l-istorja li Joe Grech tat-tigieg ried joqtol lil Charlotte u ghidt ukoll fit-telefonata li ried joqtol lil Anthony Zammit f'xi hin bejn il-Gimgha u s-Sibt u cioé bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 2004?"* (*a fol.* 86), wiegeb: *"Ma nafx ghalfejn ivvintajt dik l-istorja, pero nghid li din l-istorja ma hijiex veru. Din ivvintajtha kollha jien"* (*a fol.* 87). Meta gie mistoqsi jghid jekk wara li l-imputat qallu biex icempel u jhedded lil Charlotte u hu (Zammit) cempel id-Depot, jekk hu (Zammit) wara cempilx lill-imputat biex jghidlu li kien ghamel telefonata lil Charlotte, wiegeb fl-affermattiv u jghid li qallu li Charlotte ma kienitx tat kazu. Jghid li l-ahhar li ha d-droga kokajina kien gabha minn ghand l-imputat. Jghid li l-imputat kien jisniffja l-kokajina gol-ufficcju tieghu. Jixhed illi gewwa l-ufficcju tal-imputat, l-imputat hareg pistola li skond hu ppuntaha fid-direzzjoni tax-xhud. Jghid li din kienet l-unika okkazzjoni li hu ra din l-arma.

Illi Zammit ikkonferma l-istqarrija li kienet ghadha kemm inqrat lilu. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn, tul ix-xhieda tieghu, beda jhares lura, wiegeb illi hu kien imbezza', mhux biss mill-imputat imma minn hafna (*a fol.* 90).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 186 *et seq.*), jghid li llum il-gurnata ma ghandux kuntatt mal-imputat. Jikkonferma li Charlotte Buhagiar kienet *partner* tieghu. Jghid li l-imputat kien jibghatu jixtri d-droga.

Meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 14 tal-Process Verbal), Anthony Zammit jghid li kien laqqghu mal-imputat persuna eks-Surgent tal-Pulizija jismu Michael u mlaqqam "Il-Liggi" [Liggy] u dan kien laqqghu mal-imputat ghax hu (Zammit) kellu bzonn il-flus minhabba droga li kien diga xtara.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, xehed ukoll l-eks **Spettur Chris Pullicino** (*a fol.* 91 et seq.) fejn spjega li fit-13 ta' Mejju 2004 kienet dahlet telefonata anonima d-Depot fejn inghad li kienu ser jinqatlu Anthony Zammit u Charlotte Buhagiar. Jghid li min cempel qal li l-*gang leader* kien certu Joey maghruf bhala tat-Tigieg. Jghid li rrizulta li t-telefonata saret minn Anthony Zammit stess u li dan Zammit qalilhom li kien qed jibza' mill-imputat li wara li kien sar habib tieghu, beda jixtri d-droga minn ghandu. Ikompli jispjega x'qallu Zammit fejn anke giet involuta Charlotte. Ikkonferma li Anthony Zammit u Charlotte Buhagiar irrilaxxaw stqarrija (Dok. "CP 2" – *a fol.* 23 *et seq.* u Dok. "CP 3" – *a fol.* 29 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehed ukoll is-**Supretendent Carmelo Bartolo** (*a fol.* 119 et seq.) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom l-iSpettur Pullicino u, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jinghad hawn dak li diga nghad mill-iSpettur Pullicino u li xehdu wkoll is-Supretendent Bartolo. Spjega x'qal Zammit, fosthom li kellu inkwiet mal-imputat minhabba nuqqas ta' qbil rigward xi negozjati ta' droga. Jghid li baghtu ghal Charlotte Buhagiar u spjegat x'qaltilhom. Jghid li eventwalment gie arrestat l-imputat u spjega x'instab fuqu u x'irrizulta minn tfittxija li saret fuq il-vettura tal-imputat u fir-residenza tal-imputat. Jghid li l-imputat gie arrestat meta hareg mill-hanut 'Better Living' liema hanut kien immexxi minn Francis Harmsworth. Jixhed x'instab fil-hanut imsemmi. Gharaf l-istqarrijiet rilaxxati minn Francis Harmsworth, Anthony Zammit, u Charlotte Buhagiar (*a fol.* 20 *et seq.*, *a fol.* 23 *et seq.*, u *a fol.* 29 *et seq.* tal-Process Verbal).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014, xehdet ukoll **Charlotte Abela neé Buhagiar** (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn inqrat lilha l-istqarrija li hija rrilaxxat fl-14 ta' Mejju 2004 (Dok. "CP 3" – *a fol.* 29 *et seq.* tal-Process Verbal) u giet mitluba tikkonfermahiex. Ikkonfermat, fost l-ohrajn, li kienet toqghod ma' Anthony Zammit (il-Hasan) u li r-relazzjoni li kellhom spiccat minhabba x-xenati li kien jaghmel Zammit tant li tghid li anke kienet gabitlu l-Pulizija. Ikkonfermat li kienet sabet it-*tyres* tal-vettura taghha mifqughin u l-*windscreen* imkisser. Tghid li taf li Zammit kellu habib tieghu avukat minn San Gwann pero ma tafx x'jismu u li Zammit kien stqarr maghha li l-imputat kien tah id-droga kokajina. Tghid li kull darba li wzat id-droga dejjem uzatha ma' Anthony Zammit. Tghid li gie li hadet kokajina u raza tal-kannabis. Mistoqsija minn fejn kienet iggib ir-raza tal-kannabis u l-kokajina, wiegbet li kien igibha Anthony Zammit u hu kien jaghtiha minnha. Ma tafx minn fejn Anthony kien igib id-droga. Tghid li darba minnhom marret twassal lil Anthony Zammit ghand l-imputat u li Zammit qalilha li kien sejjer biex igib id-droga minn ghandu u qalilha wkoll li kellu suppost jinnegozja din id-droga pero ddecieda li jzommha ghalih. Tghid li Zammit kien deciz li ma jhallasx taghha u jibqa' jakkwista kemm jiflah droga minn fuq l-imputat. Tghid li dakinhar Zammit kien gab ammont ta' aktar minn seba' (7) grammi kokajina. Tghid li l-imputat beda jigri wara Zammit ghal flus ghal din id-droga u li Zammit wahhal fiha u li Zammit qal li hi kellha tmur tbieghha f'Paceville u waqt li kienet sejra, inqabdet f'*road block* u li ramiet kollox biex ma tinqabadx. Ghad-domanda ta' kemm il-konsenja droga Anthony Zammit gab minn ghand l-imputat li suppost kellha tbiegh hi, wiegbet li sa fejn taf hi darba.

Wara li nqrat lilha l-istqarrija giet mistoqsija tikkonfermahiex u wiegbet: *"Ma niftakarx imma la hemm il-firma hekk nahseb hu"* (*a fol.* 130). Tghid li ma xtaqet izzid xejn aktar ma' dak li qalet fl-istqarrija.

Meta xehdet fl-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 14 tal-Process Verbal), Charlotte Abela neé Buhagiar tghid li tibza' minn nies li jpattuhielha. Tghid li tiftakar li gurnata minnhom Zammit kien qalilha biex twasslu ghand avukat habib tieghu u hi filfatt wasslitu u telqet 'l hemm. Tghid li filghaxija Zammit kien rcieva messagg li

kien jghid: *"Kif sibtha? Tajba?"* u ghalhekk hi saret taf li Zammit fil-ghodu kien mar ghad-droga. Tghid li hija hadet minn din id-droga fil-ghaxija u li kull darba li hadet id-droga dejjem tahielha Zammit.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016, xehed l-imputat **Reuben Micallef** (*a fol.* 190 *et seq.*) fejn spjega li Anthony Zammit kien mar ghandu l-ufficcju tieghu ta' avukat flimkien ma' wiehed bil-laqam "il-Liggy" (eks Pulizija) u dana peress li l-imputat kellu bzonn persuna biex ikun jista' jigbor xi djun tal-klijenti. Jghid li Zammit qallu li bintu kellha bzonn operazzjoni u kien hemm bzonn li tmur l-Ingilterra u kellu bzonn biex jghinu halli jgibu self mill-Bank. Jispjega li ta xi flus lil Zammit u, xi gimgha wara, meta l-imputat kien min ghalih li Zammit kien l-Ingilterra bit-tifla, Zammit talbu aktar flus. Jghid: *"Dak il-hin irrealizzajt li dan ghal flus kien gej dan fis-sens li mhux ghat-tifla mhux vera ppruvajt bil-pulit nghidlu 'it can't be' speci u ma nafx jekk hux dakinhar stess jew kien gie darb'ohra mbaghad m'iniex cert pero naf li mbaghad 'he turned' litteralment 'violent' jigifieri beda jhedded u npattiehilek u 'he switched'… litteralment jigifieri dik kienet l-istorja daqshekk nista' nghid"* (*a fol.* 190). Jichad li qatt biegh id-droga lill-imputat.

> "Difiza: Inti qatt hawwadt fid-droga?
> Xhud: No nichad lanqas xejn no no.
> Difiza: Int qatt hawwadt fid-droga?
> Xhud: Jien personalment gie li ghamilt zmien kont niehu imma m'ghandu x'jaqsam xejn. […]" (*a fol.* 191).

Jghid li kien jixtri xi daqxejn kokajina mill-*health shop* ta' Harmsworth fil-Gzira minn fejn kien jixtri wkoll *protein shakes* u affarijiet relatati ma' *training*. Jghid li kien jiehu d-droga ghall-uzu personali tieghu. Jikkonferma li meta l-Pulizija ghamlu tfittxija sabulu gramma kokajina li kien ha minn ghand Harmsworth.

In kontro-ezami kkjarifika li l-eks Pulizija li semma waqt l-ezami kien gab mieghu lil Anthony Zammit u li hu (l-imputat) ma kellux idea min kien.

In ri-ezami jghid li kien Dr. Henry Antoncich li kien introducieh ma' dan l-eks Pulizija u l-iskop kien biex jghinu (lill-imputat) jaghmel *debt collection*.

Illi l-imputat rega' ha l-pedana tax-xhieda minn jeddu u b'mod volontarju fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2016 (*a fol.* 196 *et seq.*) fejn qal li wara li kien sellef xi flus lil Anthony Zammit l-ewwel darba, meta Zammit rega' mar it-tieni darba u hu (l-imputat) ma kienx ghenu, Zammit kien irrabja hafna. Jghid li kien gie mitlub biex jghaddi pagament li, jekk jiftakar sew, kien ta' hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000). Jghid: *"it was basically all about money extortion dik li kienet mill-bidu tal-ahhar"* (*a fol.* 196).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta'

prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fil-15 ta' Mejju 2004 l-imputat gie mwaqqaf wara li hareg mill-hanut 'Better Living' li jinsab fi Triq Nazju Ellul, Gzira u li l-imputat instab fil-pussess ta' droga kokajina u boroz bi tracci taghha, u fl-ufficju tieghu nstabu numru ta' pilloli *ecstasy* – dan dejjem kif jirrizulta mill-ezami li ghamel fuq din is-sustanza l-iSpizjar Mario Mifsud. Anthony Zammit, ix-xhud mressaq mill-Prosekuzzjoni xehed li kien jixtri d-droga kokajina minn ghand l-imputat u li l-imputat kien jaghtih d-droga biex ibieghha hu stess u li sahansitra kien imur igib id-droga ghall-imputat minn fejn kien jibghatu hu stess. Da parte tieghu, l-imputat spjega kif Anthony Zammit kien talbu xi flus u wara xi zmien li taghhomlu Zammit rega' talbu aktar flus u meta rrifjuta, Zammit beda jheddu u qallu li kien ser ipattiehilu. L-imputat ikkonferma li ghamel zmien jiehu d-droga pero jichad li qatt involva ruhu f'xi bejgh ta' droga u kkonferma li meta l-Pulizija ghamlu tfittxija sabulu gramma kokajina li jghid kien ha minn ghand certu Harmsworth.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat li forna jew ipprokura d-droga kokajina, li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina u li kellu fil-pussess tieghu l-pilloli *ecstasy.*

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-Process Verbal ezebit fl-atti jikkontjeni stqarrija tal-imputat li giet guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. J. Apap Bologna (*a fol.* 34 *et seq.* tal-Process Verbal). Din l-istqarrija giet rilaxxata fis-16 ta' Mejju 2004. Il-Qorti tinnota li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien ma kienitx taghti dritt lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, pero ghandu jinghad li l-imputat kellu l-protezzjoni tal-Magistrat Inkwirenti. Minkejja dan, jirrizulta li f'dawn il-proceduri l-imputat ha l-pedana tax-xhieda ghal darba, darbtejn quddiem din il-Qorti kif preseduta u li b'hekk dak li kellu jghid qalu bil-gurament minn jeddu u b'mod volontarju fil-Qorti.

- Fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jaghmel riferenza ghal certu Francis Harmsworth. Il-Process Verbal ezebiet fl-atti processwali jikkontjeni l-istqarrija rilaxxata mill-imsemmi Harmsworth (Dok. "CP 1" – *a fol.* 20 *et seq.* tal-Process Verbal). Jirrizulta wkoll li l-imsemmi Harmsworth ikkonferma l-kontenut ta' tali stqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. J. Apap Bologna u zied xi dettalji ohra meta kien amministrat il-gurament quddiem il-Magistrat imsemmi (*a fol.* 13 tal-Process Verbal). Il-Qorti tinnota li filwaqt li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014 (*a fol.* 118) il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li Francis Harmsworth jinsab imsiefer u ma kellhiex indikazzjoni f'liema pajjiz jinsab, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 189) il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imsemmi Harmsworth ma setghax jigi ntraccat u dana wara li d-difiza nfurmat lill-Qorti kif preseduta li xtaqet tressqu bhala xhud. Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li d-difiza giet prekluza milli taghmel domandi lil Harmsworth, il-Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni tax-xiehda

tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. J. Apap Bologna. Dan qieghed jinghad in vista ta' gurisprudenza fuq din il-materja, fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew John Migneco** deciza fit-8 ta' April 2010.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Forna jew Ipprokura d-Droga Kokajina):**

Illi fl-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura d-droga kokajina u dan fil-15 ta' Mejju 2004 u matul it-tnax il-xahar ta' qabel.

Illi aktar il-fuq diga nghad dak li xehed Anthony Zammit u dak li gie michud mill-imputat. Illi kollox jiddependi ghalhekk fuq il-kwistjoni tal-kredibilita' li ghandha tinghata mill-banda l-wahda, lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, Anthony Zammit u mill-banda l-ohra, il-kredibilita' li ghandha tinghata lill-imputat.

Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

Illi skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li min ghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Anthony Zammit. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi *a tempo vergine* Zammit mal-ewwel indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minn ghandu kien igib id-droga kokajina u rega' kkonferma dan kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kemm meta xehed in ezami u kif ukoll snin wara meta sar il-kontro-ezami tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-istess Zammit rega' qal dak li kien stqarr mal-Pulizija u kkonferma l-istqarrija msemmija bil-gurament.

Illi minkejja li jirrizulta li r-rapport li ghamel Zammit fir-rigward ta' attentat ta' omicidju kien wiehed falz, meta Zammit xehed f'dawn

il-proceduri huwa ma kien reticenti xejn u rega' kkonferma dak li kien stqarr originarjament. Il-verzjoni moghtija minnu baqghet dejjem wahda konsistenti. F'din il-verzjoni, liema verzjoni giet imsemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti ma ssib xejn li m'huwiex kredibbli jew inverosimili. Il-Qorti tinnota wkoll illi in kontro-ezami (*a fol.* 186 *et seq.*), lix-xhud qajla sarulu domandi mid-difiza f'liema kontro-ezami Zammit rega' sostna li l-imputat kien jibghatu jixtrilu d-droga.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li huwa possibbli kemm ix-xenarju deskritt mix-xhud Zammit kif ukoll dak deskritt mill-imputat fid-depozizzjoni tieghu. Biss apparti li l-Qorti tqis ix-xhieda ta' Zammit bhala konsistenti u kredibbli, mill-banda l-ohra, tqis ukoll illi l-imputat odjern ma kienx kredibbli fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, apparti li f'certu partijiet, ix-xhieda tieghu hija wkoll konfliggenti u m'hijiex verosimili. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li hadet konjizzjoni tal-fatt li mill-fatti prezentati jirrizulta li l-imputat instab fil-pussess ta' droga kokajina, boroz bi tracci taghha, kif ukoll kien izomm fl-ufficcju l-pilloli *ecstasy*.

Illi l-Qorti tinnota li kemm Zammit u l-imputat jaqblu li kien certu l-Liggy li kien ha lil Zammit ghand l-imputat. Illi kien Anthony Zammit illi wassal il-Pulizija ghand l-imputat. Jghid illi ried juri lill-Pulizija minn ghand min kien jakkwista d-droga. Huwa jammetti li kien dahaq bl-imputat u gidiblu dwar id-droga li taghha ma kienx hallsu.

Illi, apparti l-fatt li meta Zammit kien qed jixhed, il-Qorti diversament preseduta staqietu ghala tul ix-xhieda tieghu beda jhares lura u hu wiegeb illi hu kien fil-fatt imbezza' mhux biss mill-imputat imma minn hafna (*a fol.* 90), jirrizulta wkoll li l-imputat ammetta li kellu jaghti xi flus lill-imputat ghal xi droga li kien tah l-imputat. Zammit jaghti deskrizzjoni dettaljata ta' minn fejn kien imur igib id-droga ghall-imputat u li kienet tigi persuna b'vettura griza li kienet tghaddielu d-droga u li mbaghad kien jghaddieha lill-imputat. Il-Qorti tiehu wkoll in konsiderazzjoni tal-fatt li meta l-imputat xehed huwa qal li kien jixtri s-sustanza minn ghand certu Harmsworth li kellu *health shop* fil-Gzira, minn fejn jghid li kien jixtri

wkoll *protein shakes* u affarijiet relatati ma' *training*. Il-Qorti tistaqsi: jekk huwa minnu li l-imputat fil-fatt mar biex jixtri d-droga, ghalfejn mieghu kellu aktar droga? Ghaliex hass il-htiega illi kellu jgorr ammont ta' kokajina mieghu u ammont konsiderevoli ta' boroz vojta?

Illi, apparti d-depozizzjoni moghtija minn Anthony Zammit, l-atti processwali jikkontjenu wkoll l-istqarrija guramentata u d-depozizzjoni moghtija minn Charlotte Abela neé Buhagiar, il-kontro-ezami ta' liema xhud baqa' qatt ma sar mid-difiza. Fid-depozizzjoni taghha, ix-xhud imsemmija tghid li l-imputat beda jigri wara Anthony Zammit biex ihallsu tad-droga u li Anthony Zammit wahhal fiha billi qallu li hi kellha tbiegh id-droga Paceville fejn kienet tahdem. Ghaliha Anthony Zammit darba biss gab droga minn ghand l-imputat. Jirrizulta li l-imsemmija Charlotte anke wasslet lil Zammit ghand l-imputat u li filghaxija Zammit kien rcieva messagg li kien jghid: *"Kif sibtha? Tajba?"*.

Illi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjoni moghtija minn Anthony Zammit u Charlotte Abela neé Buhagiar u dana specjalment wara li l-Qorti kkunsidrat li r-relazzjoni taghhom spiccat hazin tant li anke dahlu l-Pulizija fin-nofs u b'hekk il-Qorti tinnota li qajla setghu jew xtaqu jghinu lil xulxin.

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi apparti li l-verzjoni moghtija minn Zammit, kif inghad aktar il-fuq, hija wahda verosimili, din tinsab korroborata f'partijiet minnha minn Charlotte Abela neé Buhagiar.

Illi ma jistghax jinghad li l-imputat kien kredibbli fid-depozizzjoni tieghu. Minkejja li huwa ghazel li jiddeponi ghal darba, darbtejn u b'hekk kellu c-cans kollu jispjega, fost l-ohrajn, ghala kellu fil-pussess tieghu dak li nstab fuqu, l-istorja tal-*money extortion* da parte tal-imputat mhijiex wahda kredibbli.

Illi l-Qorti hija moralment konvinta illi l-verita' tinsab fil-verzjoni ta' Zammit u mhux fil-verzjoni tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' Kokajina)</u>:**
Illi, apparti l-fatt li fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tammetti l-pussess ta' kokajina (*a fol.* 205), il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-kunsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll ta' konkluzjoni (h) tar-rapport redatt mill-iSpizjar Mario Mifsud[2], ma ghandu jkollha ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' *Ecstasy*)</u>:**
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal konkluzjoni (f) tar-rapport redatt mill-iSpizjar Mario Mifsud[3]. Da parte taghha, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid, fost l-ohrajn, li minkejja din il-konkluzjoni raggunta mill-iSpizjar Mario Mifsud, *"pero' imkien ma jirrizulta li huma ecstasy. Issa jiena ma nafx central stimulants ezattament xi jrid ifisser biha pero' din hi li hi"* (*a fol.* 205).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) rriteniet is-segwenti:

> *"although the word "ecstasy" may, in certain quarters, be regarded as a generic term, it is MDMA which was first referred to as "ecstasy". "MDMA" and "ecstasy" are in fact constantly and consistently used interchangeably, the former being a reference to the chemical composition, the latter today being the street name. And, indeed, the constant practice in our Courts of Criminal Justice for the last nineteen years (ever since the Third Schedule to Cap. 31 was substituted by Legal Notice 48 of 1990)*

---
[2] *A fol.* 75 tal-Process Verbal.
[3] *Ibid.*

*has been that anyone charged with possession of, trafficking in, or with conspiring for the purpose of dealing in "ecstasy" was invariably understood as being charged with possession of, trafficking in, or with conspiring for the purpose of dealing in MDMA or one of the closer "relatives" of MDMA, that is DMA, MDA or MMDA. Anyone legally assisted – as appellant was – would have known perfectly well with what he was being charged. [...]*

*To conclude on this point, although it is recommendable that, where possible, when a person is charged with an offence in relation to ecstasy pills, a reference to the chemical composition of the pills in question be made, the fact of not doing so would not render the charge invalid or otherwise vague or such that the accused would not know with what he is being charged; and it would remain to be seen from the evidence tendered whether the pills to which the charge refers have a chemical composition that is proscribed by law (where the charge is one of possession of, or trafficking in, ecstasy pills)".*

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ser jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu *stante* li dawn gew kollha sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali (*a fol.* 4) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa);

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat (liema reati gew kollha kemm huma pruvati);

- is-sustanza in kwistjoni u l-ammont misjub kif ukoll l-ammont ta' pilloli *ecstasy* misjuba;

- it-tul ta' zmien li hadet il-kawza odjerna (li, bhal ma jafu l-Prosekuzzjoni u d-difiza, il-Qorti kif preseduta **assolutament** ma kellhiex kontroll fuqu) tant li din il-kawza giet intavolata fis-sena 2006 u l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew moqrija bil-gurament fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 56);

- il-fatt li ser jigi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u dana *stante* li r-reat mertu tat-tieni (2) imputazzjoni serva bhala mezz ghall-fini ghar-reat fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Tenut kont ta' dan kollu, b'mod partikolari l-ammont u l-purita' tat-trab ghad-droga kokajina u kif ukoll ta' l-ammont ta' *ecstasy* in kwistjoni, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa liema piena ser tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, wara li rat:

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolamenti 4 u 8 (illum Regolament 9) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02,

Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985,

issib lill-imputat Reuben Micallef hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500.00).

*Stante* li fiz-zmien tal-kaz odjern Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien ghadu ma giex emendat b'Att Nru. XIII tas-sena 2005, il-Qorti m'hijiex ser tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez ta' esperti nkorsi fl-Inkjesta Magisterjali.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**